PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2008/2234(INI)

26.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-problemi u l-prospetti rigward iċ-Ċittadinanza Ewropea
(2008/2234(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Iliana Malinova Iotova

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-ħafna każijiet ta' applikazzjoni inkorretta jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-KE, kif jidher ċar miż-żieda fin-numru tal-każijiet irreferuti lis-SOLVIT, juru li hemm bżonn ta' sistema bħas-SOLVIT biex toffri assistenza b'ħeffa u prattika;

2. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu lis-SOLVIT ir-riżorsi umani neċessarji biex jiġi indirizzat il-fluss tal-każijiet li qiegħed jiżdied u biex ikomplu jippromwvu aktar is-servizz;

3. Jemmen li l-Europe Direct għandu jiġi promoss aħjar maċ-ċittadini kollha, u jirrakkomanda li għal dan il-għan tiġi koordinata mill-Kummissjoni kampanja tal-midja fuq livell tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex tissorvleja l-proliferazzjoni ta' siti elettroniċi marbuta mal-Europe Direct u SOLVIT u biex tiffoka l-informazzjoni u l-kuntatti ewlenija fuq siti elettroniċi ta' referenza speċifiċi;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Karta Ewropea għad-Drittijiet tal-Konsumatur biex tipprovdi informazzjoni faċilment aċċessibbli liċ-ċittadini dwar il-problemi l-iktar komuni tagħhom;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-"Pjan ta' Azzjoni dwar approċċ integrat sabiex jiġu pprovduti Servizzi ta' Assistenza dwar is-Suq Wieħed liċ-ċittadini u lin-negozji" (SEC(2008)1882) tal-Kummissjoni biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-punti ta' kuntatt u, kif enfasizzat fid-Direttiva dwar is-Servizzi, iħeġġeġ il-ħolqien ta' punti ta' kuntatt waħdanin għas-servizzi u l-oġġetti f'kull Stat Membru;

6. Jirrakkomanda, fid-dawl tal-prinċipji fundamentali tat-Trattati dwar il-moviment ħieles, in-non-diskriminazzjoni u d-drittijiet taċ-ċittadini, li l-Kummissjoni tkompli tuża kull mezz disponibbli għaliha biex tikseb mill-iktar fis it-tneħħija tal-arranġamenti tranżizzjonali li għad hemm li huma imposti fuq Stati Membri ġodda;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li ċ-ċittadini ta' Stati Membri ġodda ma jiffaċċjaw l-ebda ostaklu ieħor jew diskriminazzjoni oħra meta jivvjaġġaw fl-UE 15, bħal ma huma l-ostakli jew id-diskriminazzjoni relatati ma' dokumentazzjoni legali jew proċeduri ta' dħul f'ajruport;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiffaċilitaw il-preservazzjoni tal-pensjonijiet u tad-drittijiet tal-impjegati fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

RIŻULTAT FINALI TAL-VOTAZZJONI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Cristian Silviu Buşoi, Charlotte Cederschiöld, Janelly Fourtou, Evelyne Gebhardt, Martí Grau i Segú, Malcolm Harbour, Iliana Malinova Iotova, Kurt Lechner, Toine Manders, Nickolay Mladenov, Catherine Neris, Zita Pleštinská, Karin Riis-Jørgensen, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Leopold Józef Rutowicz, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Eva-Britt Svensson, Marianne Thyssen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Emmanouil Angelakas, Wolfgang Bulfon, Colm Burke, Giovanna Corda, Brigitte Fouré, Joel Hasse Ferreira, Olle Schmidt
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Michel Teychenné